## Il-Ħadd, 4 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal
lill-qassisin il-kbar
u lix-xjuħ tal-poplu:
"Isimgħu parabbola oħra:
Kien hemm wieħed,
sid ta' għalqa,
u ħawwilha bid-dwieli;
tellgħalha ħajt tas-sejjieħ
madwarha,
ħaffer magħsar fiha,
u bnielha torri;
u qabbilha lil xi bdiewa.
U siefer f'art oħra.
Meta wasal żmien il-frott,
bagħat il-qaddejja tiegħu
għand dawk il-bdiewa
biex jiġbrulu l-frott li kien imissu."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 21, versi 33-34***

# 222

"L-għalqa tad-dwieli tal-Mulej
hija 'l-ħolma tiegħu', il-proġett
li Hu jikkultiva bl-imħabba tiegħu
kollha, bħalma bidwi jieħu ħsieb
l-għalqa tad-dwieli tiegħu.
Ta' min jiftakar hawnhekk
li d-dielja
hija pjanta li teħtieġ ħafna kura!
Il-'ħolma' ta' Alla hija l-poplu
tiegħu: Hu jħawlu u jikkultivah
b'imħabba paċenzjuża u fidila,
biex isir poplu qaddis,
poplu li jagħti
ħafna frott tajjeb ta' ġustizzja."

PAPA FRANĠISKU,
*Omelija,* Ftuħ tas-Sinodu dwar il-Familja,
5 Ottubru 2014

*X’apprezzament*
*għandi*
*tal-fatt*
*li Alla jħarisni?*

*Kif*
*qed insarrafha*
*din l-azzjoni*
*kontinwa Tiegħu*
*fija?*

# Mhux tiżjin biss

Mulej,
x’ma jagħmilx Alla tiegħek
biex jiżgura
li d-dinjità tagħna ta’ bnedmin tiġi mħarsa?
X’ma jagħmilx Alla tiegħek
biex iġib ‘il quddiem
din id-dinjità li Huwa tana?
X’ma jagħmilx Alla tiegħek
biex iserraħ moħħu
li din id-dinjità
ma tkunx biss tiżjin
imma tkun dinjità li tħalli l-frott?
X’ma jagħmilx Alla tiegħek għalina?
Ħa jkun fik,
u fik biss,
ir-radd ta’ ħajr tagħna lilU.

## It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020

Wieħed għaref fil-Liġi staqsa lil Ġesù: "Il-proxxmu tiegħi min hu?" U Ġesù qallu: "Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko, u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn ... ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis ... li baqa' sejjer. Hekk ukoll wieħed levita ... Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi ... wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu ... Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?" "Min ħenn għalih", wieġbu dak. Qallu Ġesù: "Mur, u agħmel hekk int ukoll."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 10, versi 29b-37***

**223**

"Wara li jirrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb, Ġesù jdur lejn id-duttur tal-Liġi li kien staqsieh: 'Min hu l-proxxmu?', u jgħidlu: 'Int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?' B'dal-mod Hu qed jaqleb ta' taħt fuq il-mistoqsija ta' dak ir-raġel, u anki l-loġika tagħna lkoll. Qed ifehemna li mhux aħna niddeċiedu, skont il-kriterji tagħna, min hu proxxmu u min mhux, iżda hija l-persuna li tinsab fil-bżonn li għandha tagħraf min hu l-proxxmu tagħha, jiġifieri, 'Min iħenn għaliha.'"

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 14 Lulju 2019

*Qalbi attenta*
*għal min hu*
*f'xi bżonn?*

*Jien nagħżel*
*lil min*
*inkun proxxmu*
*għalih?*

# Li tkun proxxmu

Mulej, Int sirt bniedem bħalna
biex tkun proxxmu,
proxxmu għal kull bniedem,
hu min hu,
saħansitra anki għal min ma jridekx
li tkun proxxmu tiegħu.
Ħnientek ma tistax tifrixha iżjed minn hekk!
Jekk jien irrid nimxi fuq il-passi tiegħek
ma nistax nagħżel triq differenti minn din tiegħek,
ma nistax nagħżel jien
min għalih inkun proxxmu.
Agħtini qalb kbira, Mulej,
ħalli ħsiebi jkun dejjem
f'li ndewwi,
f'li nfejjaq,
f'li nħenn.

## It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020

Huma u sejrin, Ġesù daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta. Din kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid. Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Mbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi!" Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma waħda hi meħtieġa.
U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 10, versi 38-42***

# 224

"It-talb li ma jwassalx għal azzjoni konkreta lejn ħija li hu fqir, marid, fil-bżonn tal-għajnuna, ħija li jinsab fid-diffikultà, hija talba sterili u nieqsa. Imma, bl-istess mod, meta fis-servizz lejn il-komunità nkunu wisq okkupati b'dak li għandna nagħmlu, meta nagħtu aktar importanza lill-affarijiet, lill-funzjonijiet, lill-istrutturi, u ninsew iċ-ċentralità ta' Kristu, meta ma nsibux ħin biex niddjalogaw miegħu fit-talb, inkunu qed nirriskjaw li naqdu lilna nfusna u mhux lil Alla li jinsab fl-aħwa fil-bżonn."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 21 Lulju 2013

*It-talb tiegħi*
*kemm*
*qed iwassalni*
*għand min hu*
*fil-bżonn?*

*Il-ħidma tiegħi*
*b'risq*
*min hu fil-bżonn*
*kemm*
*qed twassalni*
*għand Alla?*

# Waħda ġol-oħra

Iktar ma nikkontemplaw il-wiċċ tiegħek, Mulej,
iktar nindunaw
kemm Inti għandek għal qalbek
lil Alla l-Missier
- u li allura l-ħin kollu tfittex li tisimgħu -
u lill-bniedem fil-bżonn
- u li allura l-ħin kollu tfittex li tisimgħu.
Dawn qishom iż-żewġ naħiet ta' munita:
waħda titlob lill-oħra,
waħda importanti daqs l-oħra,
waħda ssib it-tifsira proprja tagħha fl-oħra.
Agħmel li ħajjitna
tkun smigħ li ma jaqta' qatt tiegħek
biex fl-istess ħin isir smigħ kreattiv
- dan ukoll ma jaqta' qatt -
ta' min hu fil-bżonn.

## L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

Darba
Ġesù kien qiegħed xi mkien jitlob.
Kif spiċċa mit-talb,
wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu:
"Mulej, għallimna nitolbu,
bħalma Ġwanni wkoll
għallem lid-dixxipli tiegħu."
U qalilhom:
"Meta titolbu, għidu:
Missier,
jitqaddes ismek,
tiġi Saltnatek.
Ħobżna ta' kuljum agħtina kuljum.
U aħfrilna dnubietna,
għax aħna wkoll
naħfru lil kull min hu ħati għalina,
u la ddaħħalniex fit-tiġrib."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 11, versi 1-4***

# 225

"In-Nisrani huwa dak il-bniedem
li jieqaf quddiem is-Sigra ġdida
tal-għollieq jaqbad
bla ma jinħaraq,
quddiem ir-rivelazzjoni ta' Alla
li ma jġorrx l-enigma ta' isem
li ma jistax jitlissen,
imma li jitlob lil uliedu
jsejħulu bl-isem ta' 'Missier',
iħalluH iġeddidhom
bil-qawwa tiegħu
u jirrifletti raġġ tat-tjieba tiegħu
fuq din id-dinja
hekk għatxana għat-tajjeb, tant
imxennqa għal aħbarijiet tajba."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 2 Jannar 2019

*Meta*
*nidħol f'kuntatt*
*ma' Alla*
*nersaq lejH*
*bħalma iben*
*jersaq*
*lejn missieru?*

*X'fiduċja*
*għandi jien*
*f'Alla?*

# It-talb ta' veru

Mulej,
Alla Missierek
xejn ma jrid minn għandna
biex nirbħu l-favur tiegħu:
la sagrifiċċji, la ħajja tajba, la talb, xejn.
Hu jsejħilna wliedu
qabel ma aħna nagħrfu
li Hu jġib ruħu magħna ta' Missier.
Nistgħu allura aħna
ma nagħtuHx il-gost li jkun Missier?
Nistgħu aħna ma nsejħulux 'Missier'?
Nistgħu aħna ma nfittxux li noqogħdu
taħt il-ħarsa Tiegħu ta' Missier?
Nistgħu aħna ma nistkennux
fl-imħabba li Hu għandu għalina bħala Missier?
Mhux dan huwa t-talb ta' veru?

## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Wieħed minnkom ikollu ħabib
li jiġih f'nofs ta' lejl u jgħidlu:
'Ħabib, islifni tliet ħobżiet, għax
ġie għandi wieħed ħabib tiegħi
mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih.'
U l-ieħor iwieġbu minn ġewwa
u jgħidlu: "Iddejjaqnix;
issa l-bieb magħluq,
u wliedi qegħdin fis-sodda miegħi;
ma nistax inqum nagħtik.'
Ngħidilkom jien, li jekk ma jqumx
jagħtih għax ħabib tiegħu,
iqum u jagħtih kulma jkollu bżonn
minħabba l-wiċċ sfiq tiegħu.
U jiena ngħidilkom:
Itolbu u jingħatalkom."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 11, versi 5-9a***

# 226

"It-talb hu wkoll ħidma, ħidma
li titlob minna l-perseveranza,
ir-rieda. It-talb jitlob minna
li nkunu determinati, li nkunu
mingħajr mistħija. Għaliex?
Għax inkun qed inħabbat
fuq bieb il-ħabib tiegħi.
Alla hu ħabib, u jien
nista' nħabbatlu bħal ma nagħmel
ma' ħabib tiegħi.
Niftakru f'Santa Monika,
kemm snin damet titlob
u xxerred id-dmugħ
biex binha jikkonverti.
Fl-aħħar il-Mulej fetaħ il-bieb."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 11 Ottubru 2018

# F'nofs ta' lejl

*Nemmen tassew*
*li t-talb*
*mhux lil Alla*
*jibdel*
*imma lili?*

*Jien wieħed*
*minn dawk*
*li meta jidhirli*
*li Alla*
*ma jismagħnix*
*fil-pront*
*nabbanduna*
*t-talb?*

Fejn tidħol l-attenzjoni tiegħek għalina, Mulej,
Inti m'għandekx lejl u nhar.
Li hu żgur hu
li Inti żżid id-doża tad-dispożizzjoni tiegħek għalina
meta f'ħajjitna jkun hemm il-lejl,
dak il-lejl li donnu ma jgħaddi qatt;
meta f'ħajjitna jkun hemm id-dlam,
dak id-dlam li ma narawx is-siegħa u l-ħin
li jċedi postu għad-dawl.
Ħa tkun din id-dispożizzjoni tiegħek
li timbuttana nħabbtulek ikun x'ħin ikun,
inkunu għaddejjin minn xiex għaddejjin.
Ħa tkun din id-dispożizzjoni tiegħek
li tħeġġiġna nibqgħu nħabbtulek,
bil-fiduċja
li Inti tiftħilna meta jkun il-waqt.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020

Wara li Ġesù keċċa xitan,
xi wħud qalulu:
"Bis-saħħa ta' Begħelżebul,
il-prinċep tax-xjaten,
qiegħed ikeċċihom ix-xjaten."
Oħrajn, biex iġarrbuh,
riedu mingħandu sinjal mis-sema.
Iżda hu ntebaħ x'kienet il-fehma
tagħhom, u qalilhom:
"Kull saltna maqsuma fiha nfisha
ssir ħerba, u taqa' dar fuq oħra.
Jekk ix-Xitan ukoll hu kontra
tiegħu nnifsu, kif se żżomm wieqfa
s-saltna tiegħu?
Għax intom tgħidu
li jien bis-saħħa ta' Begħelżebul
inkeċċihom ix-xjaten."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 11, versi 15-18***

**227**

"Ġesù kien ifejjaq bosta morda,
u xi wħud riedu jinsinwaw li ma
kienx qed jagħmel dan bl-Ispirtu
t'Alla imma bil-qawwa tax-xitan.
Ġesù jirreaġixxi bi kliem iebes
u ċar; dan ma jittollerahx, għax
dawk l-iskribi - forsi bla ma
ntebħu - kienu qegħdin jaqgħu
fl-iktar dnub gravi: kienu qed jiċħdu
u jisħtu l-Imħabba ta' Dak Alla
li jinsab u jaħdem f'Ġesù. U
d-dawgħa - id-dnub kontra l-Ispirtu
s-Santu - hu l-uniku dnub
li ma jinħafirx skont Ġesù, għax
il-ħniena ta' Alla li jopera permezz
tiegħu tintlaqa' b'qalb magħluqa."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 10 Ġunju 2018

# Kollox f'idejH

*Xi stima għandi*
*ta' Ġesù Kristu?*

*Nara*
*l-id ta' Alla*
*fih?*

Mulej,
Alla l-Missier
kollox f'idejk iħalli:
dak li Hu,
ħajtu,
l-Ispirtu Tiegħu,
imħabbtu,
ħnientu,
il-fidwa li jrid jagħti lil kull bniedem.
Agħmel
li jien inkun dejjem miftuħ għalik
għax hekk biss
nista' jien inkun miftuħ għal Alla.
Agħmel li jien infittex li nisma' lilek
għax hekk biss
nista' jien nisma' lil Alla.

## Is-Sibt, 10 ta' Ottubru 2020

Waqt li Ġesù
kien qed jitkellem,
kien hemm waħda mara
li għolliet leħinha
minn qalb il-folla
u qaltlu:
"Hieni l-ġuf
li ġiebek
u s-sider
li rdajt!"
Iżda hu qalilha:
"Imma tassew ngħidlek,
aktar hienja
dawk
li jisimgħu
l-kelma ta' Alla
u jħarsuha!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 11, versi 27-28***

# 228

"Fil-mixja biex il-Kelma ta' Alla nilqgħuha f'qalbna, għandna takkumpanjana lil Omm il-Mulej. Hija hi li ġiet imsejħa hienja għax emmnet li dak li qalilha Hu kien se jseħħ ... Din il-beatitudni proprja tagħha hija l-kundizzjoni neċessarja għall-beatitudnijiet l-oħra kollha mħabbra minn Ġesù ... Santu Wistin darba kiteb hekk: 'Bi kliemu Ġesù bħal qed jgħid: Anki ommi li intom ssejħulha hienja, hija hienja sewwasew għax tħares il-Kelma ta' Alla, mhux għax fiha l-Verb sar bniedem u għammar fostna.'"

PAPA FRANĠISKU, Motu Proprju, *Aperuit Illis*,
nru 15, 30 Settembru 2019

# L-ewwel beatitudni

*Nista' ngħid
li ħajti
hija miftuħa
għall-Kelma
ta' Alla?*

*Qed infittex
l-hena tiegħi
fiha?*

Kull meta, b'fiduċja kbira fik, Mulej,
inħalli lil ħajti tiġi nfiltrata mill-Kelma tiegħek,
ġo fija tkun qed titħejja triq għall-hena.
Għax hija biss il-Kelma tiegħek
li tista' tagħti tifsira proprja
lil sitwazzjoni ta' faqar fija,
lil sitwazzjoni ta' biki fija,
lil sitwazzjoni fejn xi ħadd jagħmilli ħajti infern,
lil sitwazzjoni li fiha
nkun bil-ġuħ u bil-għatx għall-ġustizzja,
lil sitwazzjoni li titlob minni
li nqassam ħafna ħniena,
lil sitwazzjoni li teżiġi minni
li nkun strument ta' paċi.
Ħa tkun Ommok Marija li bl-eżempju kbir tagħha
takkumpanjani f'li nħares Kelmtek.